TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1665

KAZ NRU. 2317

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anna Pizzuto

u

San Anton School

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 30 ta' Jannar 2006.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fis-26 ta' Settembru 2005.

It-Tribunal zamm tlett seduti.

Anna Pizzuto, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Paul Pullicino waqt li San Anton School, aktar il-quddiem tissejjah "l-Iskola", kienet rapprezentata minn Louis Pisani assistit mill-Avukat Kris Borg.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qalet li l-impieg taghha gie terminat minghajr raguni valida. Gie allegat xi forma ta' nuqqas generiku u t-terminazzjoni kellha ssehh fit-22 ta' Settembru 2005 u mhux immedjatament. Fuq kollox l-Iskola naqset li ssegwi l-procedura stabbilita fil-Ftehim Kollettiv. L-Iskola kkontendiet li sa minn meta giet impjegata fl-1994 l-appellant uriet li ma kelliex kontroll tajjeb tal-klassi. Ghalkemm l-Iskola ghamlet dak kollu possibbli biex tghin lill-appellant biex ittejjeb il-kontroll fuq l-istudenti s-sitwazzjoni ma rrangatx anzi marret ghall-aghar. Il-Headmaster u l-assistant tieghu kellmuha kemm il-darba dwar dan in-nuqqas Tant hzienet is-sitwazzjoni li fit-2004, fuq talba taghha, l-Headmaster diversi drabi kien joqghod maghha fil-klassi biex izommilha d-dixxiplina.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li l-appellant kellha nuqqas serju ta' kontroll fuq l-istudenti waqt il-lezzjonijiet. Hija ammetiet li kellha dan in-nuqqas u li l-Iskola ghenietha biex tipprova ttejjeb il-kontroll. Jirrezulta wkoll li n-nuqqas ta' dixxiplina fil-klassijiet taghha kienu jikkagunaw disturb li kien ifixkel it-taghlim fi klassijiet ohra.

Fis-sottomissjonijiet taghha l-appellant ikkontendiet li kienet ilha hdax-il sena fl-impieg u li n-nuqqas taghha kien limitat ghal *classroom control.* Qalet li kull impjegat ghandu l-karattru u l-personalita tieghu u li l-kriterju mhux li mpjegat ikun perfett minn kull lat. Kull impjegat ghandu t-tajjeb u l-hazin tieghu u mghandekx tkeccieh ghax ikollu nuqqas f'lat wiehed. Hija qatt ma nghatat *written warning* u kieku in-nuqqas taghha kien daqstant serju l-Iskola ma kienetx iddum daqshekk biex tkecciha. Barra minn hekk anqas inghatat opportunita biex tiddefendi ruha ghaliex l-Iskola njorat totalment il-proceduri tal-Ftehim Kollettiv.

L-Iskola osservat li l-uniku nuqqas taghha kien li ma nghatawx *written warnings* u li ma gewx segwiti l-proceduri stipulati fil-Ftehim Kollettiv. Hi uzat ma l-appellant dak li sejhet is-*soft approach* li kienet tikkonsisti fi twiddib verbali, ghajnuna biex tirranga n-nuqqas li kellha u meta dan ma rnexxiex rakkomandazzjoni li tfittex job iehor. L-Iskola m'ghandiex tkun penalizzata ghaliex issoportiet in-nuqqas tal-appellant ghal zmien twil u wriet il-hniena maghha. Barra minn hekk kienet offritilha li tmur lura b'listess paga.

It-Tribunal wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

- ma jistghax jaqbel ma l-argument ta' l-appellant li nuqqas f'lat wiehed mhix raguni valida biex jintemm impieg ghaliex il-kriterju mhux li mpjegat ikun perfett. Dan ma jregix ghaliex jiddependi minn kemm in-nuqqas ikun serju u kemm ixekkel impjegat milli jaqdi sewwa ix-xoghol tieghu. F'kull professjoni jew sengha hemm attribwiti barra dawk basici li huma mehtiega biex persuna taqdi sewwa ix-xoghol taghha. Wahda mill-htigijiet ewlenin biex persuna tkun ghalliema tajba hi li jkollha l-hila tikkontrolla klassi u z-zomm id-dixxiplina fuq l-istudenti. Studenti ta' ghalliema li, ghalkemm ikollha kwalifiki akkademici, ma ghandhiex il-hila tikkontrolla klassi ma jistghu qatt jiehdu l-beneficcju 'massimu ta' taghlim u anqas li jitharrgu sew biex jirrispettaw l-awtorita u joqghodu ghad-dixxiplina. Barra minn hekk id-disturb li jikkagunaw ifixkel ghalliema u studenti ohra.
- l-Iskola zbaljat f'diversi lati ; li ma hadetx passi fi zmien xieraq biex tirrimedja sitwazzjoni ta' detriment ghall-istudenti u ghall-genituri li kienu qed ihallsu ghat-taghlim taghhom, li ma tawx *written warnings* fejn dan kien indikat, li ma osservawx il-proceduri tal-Ftehim Kollettiv u fuq kollox li cahdu lill-appellant mid-dritt li tiddefendi ruhha.
- ghalkemm l-Iskola hadet hafna pacenzja bl-appellant naqset serjament fil-mod kif itterminat l-impieg taghha.
- l-Iskola offriet li tiehu lura fl-impieg lill-appellant izda dan wara li ressqet il-kaz quddiem it-Tribunal. L-appellant ma accettatx l-offerta.

It-Tribunal iddecieda li ma kienx hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant principalment ghaliex l-Iskola naqset li tosserva l-proceduri stipulati fil-Ftehim Kollettiv u ma tatx opportunita xierqa lill-appellant biex tiddefendi ruhha. Izda jidhirlu li ghandu jillimita l-kumpens minhabba li l-appellant kellha nuqqas serju ta' detriment ghall-Iskola u ma accettatx l-offerta ta' l-Iskola li tmur lura b'listess paga liema offerta saret wara t-tkeccija u wara rikors lit-Tribunal.

It-Tribunal, wara li kkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz, jordna li l-Iskola ghandha thallas kumpens ta' Lm 1,000 (elf lira) lill-appellant mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2006.

It-Tribunal jiddikjara li ma kienx possibbli li jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B 'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol,

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja